# Aħbar Tajba

Eżodu 22, 20-26
S17 (18), 2-3a.3bċ-4.47.51ab
1 Tess 1, 5ċ-10
Mt 22, 34-40



**"Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek,**
u lil għajrek bħalek innifsek."

Xi snin ilu ħareġ film bl-isem *Little Lord Fauntleroy*. L-istorja kienet dwar tifel li kellu xi 8 snin u li mar joqgħod man-nannu tiegħu li kien sinjurun u kellu ħafna impjegati jaħdmu għalih. Però kien nannu differenti ħafna min-nanniet li s-soltu tara. Kien nannu xħiħ, stramb u kien magħruf li jittratta ħażin lill-ħaddiema tiegħu. It-tifel, billi kien jara fin-nannu tiegħu raġel serju u dejjem fuq xogħlu, ma tantx kien jarah ikrah. Anzi għalih kien l-aħjar nannu li jista' jkollok. Kien iħobbu wisq! Kien jgħidlu: "Nann, min jaf kemm iħobbuk in-nies. Żgur li jħobbuk bħalma nħobbok jien!"

In-nannu, għalkemm bniedem pjuttost egoist, kien jiggosta lin-neputi u bil-mod il-mod beda jinbidel u biex ma ntawwalx spiċċa biex sar in-nannu kif kien jarah in-neputi żgħir. L-imħabba tat-tifel biddlet qalb in-nannu. Din l-istorja tfakkarni fl-Evanġelju li għadna kif qrajna. Fis-silta tal-lum naraw li l-qalb ħelwa ta' Ġesù taf tbiddel il-qalb tagħna wkoll biex aħna wkoll insiru persuni b'qalb tajba li Ġesù jaf li jista' jkollna.

Fil-qalba tal-ħidma u t-tagħlim ta' Ġesù nsibu l-imħabba. Kienet l-imħabba li wasslitu li jitwieled fostna bħala l-ifqar fost il-fqar, li jdur tant bliet u rħula u li jgħin tant nies li ma sabu għajnuna mingħand ħadd. Saħansitra l-mewt tiegħu kienet sinjal tal-imħabba kbira tiegħu. Hu stess jistqarr li ma jistax ikun hemm imħabba ikbar, li xi ħadd jagħti ħajtu għal dawk li jħobb.

Fuq kollox din l-imħabba kbira ta' Ġesù hi stedina għalina biex aħna wkoll inħobbu lill-oħrajn. Ġesù stess jgħidilna: "Ħobbu mela lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien."

L-imħabba tfisser ukoll li kultant irridu nkunu lesti li nagħmlu sagrificcju għal dawk li nħobbu. Forsi tnaqqas mill-ħin ta' logħob biex tgħin lil xi ħadd minn sħabek jew inkella tnaqqas mill-ħin liberu tiegħek biex tgħin fid-dar. Jekk noqogħdu attenti nindunaw ukoll li f'ħajjitna hemm ħafna nies li jagħmlu l-istess għalina, persuni bħall-familjari tagħna li joqogħdu ftit lura biex aħna ma jkun jonqosna xejn.

Għalhekk ejjew nitolbu lil Ġesù jgħinna nsiru nixbhuh dejjem aktar. Nitolbuh biex inkunu lesti li nnaqqsu ftit mill-kumditajiet tagħna biex ngħinu lill-oħrajn u biex ma nkunux kuntenti bil-ferħ tagħna biss, imma nistinkaw biex inferrħu lill-oħrajn.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

FARIŻEJ, SADUĊEJ, GĦAREF, LIĠI, KMANDAMENT, KBIR, ĦOBB, MULEJ, PROXXMU, BĦALEK

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | IE | T | R | U | I | N | D | R | I |
| A | Ġ | W | A | N | N | I | N | A | T |
| N | K | B | I | R | D | W | K | A | N |
| J | B | Ħ | A | L | E | K | M | R | D |
| E | A | O | R | U | GĦ | N | A | M | A |
| L | R | B | M | N | A | I | N | T | S |
| T | F | B | P | A | R | Ċ | D | I | W |
| S | A | D | U | Ċ | E | J | A | GĦ | Ġ |
| I | R | GĦ | A | L | F | I | M | A | S |
| L | I | Ġ | I | M | U | L | E | J | L |
| M | Ż | P | A | Ċ | I | M | N | A | IE |
| E | E | I | N | T | E | R | T | GĦ | M |
| W | J | T | N | A | S | S | E | K | N |
| W | A | P | R | O | X | X | M | U | O |

## Kif se tħobb?

Ikteb hawn taħt kif tista' din il-ġimgħa tħobb lil Alla
u lill-proxxmu tiegħek kif qrajna fl-Evanġelju tal-lum

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA |
| --- | --- | --- |
| IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | |

| IS-SIBT | IL-ĦADD |
| --- | --- |

**Ftit ideat:**
Mort nitkellem ma' persuna mill-klassi li kienet weħidha
Qsamt dak li kelli mal-oħrajn
Sibt ħin biex nitlob
Tajt daqqa t'id fix-xogħol tad-dar
Ħeġġiġt lil xi ħadd minn sħabi biex jiġi miegħi l-MUSEUM jew għaqda oħra tal-parroċċa
Ikkoreġejt bil-ħlewwa lil xi ħadd li kien qed jiżbalja




# Il-Kewkba li ddiet

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid. Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**

Ibagħtilna email fuq info@mediacentre.com.mt

**€1** VAT inkluża

jew ċemplilna fuq 2569 9100

---

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




---

## AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

---

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

---




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION